**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 23**

**5 ta' Jannar 2021**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 29 ta' Diċembru 2020, fis-Sala tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku

Donnha Barbara – Viċi Sindku

Jerome Caruana Cilia - Kunsillier

Ralph Puli – Kunsillier (permezz ta' Video Conferencing)

Daniel Ablett – Kunsillier

George Muscat – Kunsillier

Carmelo Cuschieri – Kunsillier

Marvin Zammit – Kunsillier

Dr Sean Apap Meli – Kunsillier (permezz ta' Video Conferencing)

Martina Grech – Kunsillier (permezz ta' Video Conferencing)

Abigail Sammut - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

ĦADD

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippresjeda l-laqgħa.

**23.1 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 21**

**Is- Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 21, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 21 ġew approvati b'mod unanimu.

**23.2 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 22**

**Is- Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 22, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 21 ġew approvati b'mod unanimu.

**23.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li saret laqgħa urġenti mal-Ministru għall-Infrastruttura Dr Ian Borg, liema laqgħa kienet waħda kordjali u jidher li se jkunu qed jaċċettaw il-proposti/varjazzjonijiet għall-proġett. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li l-Kunsill jaqbel li jitneħħa l-periklu iżda l-Kunsill żgur ma jridx li titmiss ir-raba' s-saqwi. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill se jkun qed iressaq proposti ta' disinji nnovattivi sabiex ikun hemm aktar sigurta' u tissalva l-art. Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa hux possibli li l-bdiewa jqabbdu Perit sabiex flimkien mal-Kunsill jinħadmu l-proposti. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li jaqbel ma dak kollu li ntqal mis-Sindku , iżda jidher li ċertu deċiżjonijiet diġa ttieħdu, għaliex l-applikazzjoni ddaħħlet quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li mill-informazzjoni miksuba l-applikazzjoni ddaħlet wara l-meeting li nżamm bejn il-Kunsill u l-

Ministeru, iżda għadha fi stadju bikri. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li l-Kunsill se jkompli jirsisti sabiex jiġu ppreżentati proposti alternattivi sabiex filwaqt li titneħħa l-blackspot eżistenti tiġi ssalvagwardjat ir-raba saqqwi. Il-Kunsillier Marvin Zammit ippropona li jsir meeting mal-istakeholders involuti sabiex flimkien mal-Kunsill jiġi diskuss dan kollu. Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri spjega li jidher li skont il-pjanta ppreżentata se jiżdiedu l-karreġjati. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li qed jiġi proġettat li titneħħa l-blackspot, iżda mhux se jkun hemm post adegwat minn fejn ir-residenti ta' Fuq Tal-Blat Il jaqsmu għaċ-Ċentru u l-periklu għall-pedestrians mhux se jitneħħa. Għaldaqstant ġie maqbul li sabiex jiġi nvolut il-Perit tal-Kunsill.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li huwa previst li t-traffiku se jiżdied b'madwar 4000 vettura kuljum. Il-Kunsillier Daniel Ablett spjega li jekk isir l-għeluq tal-main entrance għall-Imrieħel se joħloq *traffic jam* mar-*roundabout* ta' Triq il-Mitħna. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li waqt il-laqgħa ma' Infrastructure Malta kien ġie mistoqsi jekk il-flyover hux se ssir għall-iskrutinju tat-torrijiet u s-CEO ikkonferma li din il-flyover se ssir biex jitneħħa l-periklu. Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri staqsa, skont l-istudji li qed isiru, li t-traffiku se jiżdied b'4000 vettura, x'ħin huwa maħsub li jkun il-*peak* tat-traffiku. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se jkunu qed jinġabru stimi għal servizz ta' esperti. Barra minhekk se tkun qed issir laqgħa mal-Perit mqabbad mill-bdiewa sabiex il-Kunsill ikun infurmat x'qed jiġi propost min-naħa tagħhom. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa, ġaladarba l-Perit David Mifsud Parker, diġa qed jaħdem mal-istakeholders oħra, l-Kunsill se jkun qed jagħmel tajjeb għall-ispejjeż?

**23.4 Mistoqsijiet mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Amministrattur tal-Paġna ta' facebook tal-Kunsill hija s-Segretarju Eżekuttiv, waħda mill-impjegati tal-Kunsill u l-PR Officer imqabbad mill-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li bħala ritratti ttellgħu ______ u 4 filmati

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li kienet idea tajba li l-laqgħa tal-lokalita' tiġi mxandra live, iżda mhux etika li tintuża facebook page personali ta' persuna biex dan ikun jista' jsir. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li huwa mportanti li l-paġna ta' facebook tkun paġna ta' nformazzjoni u mhux notice board.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa meta jiskadi l-ftehim iffirmat mal-PR Officer. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li x'aktar diġa skada. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu ġie maqbul li tinħareġ Stima għal PR Services.

**23.5 Performance Appraisal Report – Segretarju Eżekuttiv u Impjegati**

Is-Segretarju Eżekuttiv iċċirkulat l-Performance Appraisal Reports tal-Impjegati għall-attenzjoni tal-membri.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-sena 2020 ma kinitx sena faċli, iżda l-impjegati kollha baqgħu jagħtu s-servizz mill-uffiċċju, mingħajr diffikultjiet. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tinsab sodisfatta ħafna bl-input tal-impjegati kollha, anke tal-impjegati l-ġodda li ntegraw sewwa fil-grupp u qed jagħtu l-aħjar servizzi possibli.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, s-Segretarju Eżekuttiv irrakkomandat li l-impjegati jingħataw l-full Performance Bonus.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento poġġa fuq il-mejda l-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv, għall-approvazzjoni tal-membri. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento spjega li bħalma qalet is-Segretarju Eżekuttiv is-sena 2020 ma kinitx waħda faċli iżda s-Segretarju Eżekuttiv baqgħet tamministra bl-aħjar mod it-tmexxija tal-Kunsill, anke f'perijodu fejn ir-responsabbilta' waqgħet kollha fuqha, fiż-żmien meta s-Sindku preċendenti kien qed jiġġieled għal ħajtu. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia rringrazzja lill-impjegati u lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol li wettqu u qed iwettqu għal ġid tar-residenti qriema.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li l-Kunsill japprova li l-impjegati jingħataw 6% Performance Bonus filwaqt li jiġi rrakkomandat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li s-Segretarju Eżekuttiv, tingħata 10% Performance Bonus.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**23.6 Punti Oħra**

23.6.1 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li qed ikollu ħafna lmenti dwar is-servizz tal-Bulky Refuse. Ġie maqbul li tinħareġ twissija lill-kuntrattur.

23.6.2 Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa dwar l-issue ta' vetturi abbandunati fit-toroq tal-lokalita' u staqsa jekk hux possibli li tinħareġ bye-law għat-towing ta' vetturi. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li teżisti Legal Notice 65.13 li tagħti dak il-poter lill-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-problema mhux it-towing iżda fejn se jiġu mpoġġija dawn il-vetturi.

## 23.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru 2020.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk alla ħares qatt jerġa' jinqala' xi każ bħal tas-Sindku Renald Falzon, il-Kunsill se jkun qed jimxi bl-istess mod? Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li f'każ li allaħares qatt jinqala xi ħaġa fil-futur, għandu jkun il-Kunsill tal-ġurnata li jiddeċiedi.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni dwar ix-xogħol li sar fi Triq San Pawl/Triq San Pietru, fejn jidher li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa. Għaldaqstant ġie propost li l-pagament lill-kuntrattur jitpoġġa ON HOLD u jintalab rapport lill-Perit tal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Abigail Sammut** ssekondat

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru 2020.

## 23.8 Korrispondenza

**23.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda korrispondenza ppreżentata mill-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici dwar it-talba għall-Ħlas tal-armar tal-Milied.

Il-Kunsill approva din it-talba

**23.8.2** Is-Segretarju Eżektutiv poġġiet fuq il-mejda l-proposta tal-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici dwar il-proġett marbut mal-Akkademja tal-Mużika, skont il-Kuntratt iffirmat bejn il-Kunsill u l-Għaqdiet tal-Baned Qriema.

Il-Kunsill approva din il-proposta.

**Talba minn impjegata għall-estenzjoni ta' Vacation Leave żejjed.**

**23.8.3**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda talba ta' waħda mill-impjegati sabiex jiġu mġedda 72Hrs vacation leave tas-sena 2020, għas-sena 2021, minħabba li se jkollha t-tieġ tat-tifla.

Il-Kunsill approva din it-talba.

**23.9 Ħwejjeġ Oħra**

23.9.1 Il-Kunsillier George Muscat nfurma li Transport Malta m'approvatx li jiġu nstallati Pelican Lights maz-zebra crossing fi Triq il-Wied. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara pproponiet li jsir brain storming ta hotpoints u jsir meeting mal-uffiċjali ta' Transport Malta.

23.9.2 Il-Kunsillier George Muscat talab li fil-junction bejn Triq Anici u Triq il-Kbira ssir Central Strip żgħira. Saret diskussjoni dwar din it-talba fejn ġie rrimarkat li jekk issir central strip il-vetturi tat-transport pubbliku ma jgħaddux.

23.9.3 Il-Kunsillier George Muscat talab li Trejqa San Ġorġ (bejn Triq San Ġorġ u Triq il-Qalb Imqaddsa) tingħalaq permezz ta' bollard.

23.9.4 Il-Kunsilllier Daniel Ablett nfurma li Ġnien De La Cruz jinsab mitfi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se jiġi mgħoddi rapport lill-Electrician tal-Kunsill.

23.9.5 Il-Kunsillier Daniel Ablett infurma li l-istatwa ta' San Pawl tinsab mitfija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se jiġi mgħoddi rapport lill-Electrician tal-Kunsill.

23.9.6 Il-Kunsillier Daniel Ablett infurma li qed ikun bosta lmenti dwar il-fatt li Ġnien l-Armier qed jibqa' miftuħ. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se terġa' tinfurma lill-persuna responsabbli mil-letrina sabiex jieħu ħsieb jagħlaq.

23.9.7 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li qed ikollu talbiet għal Zebra Crossing quddiem Lombard Bank fi Triq San Bastjan. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'din iz-zona diġa hemm 2 zebra crossings u Transport Malta probabbli ma taċċettax li ssir oħra fejn indikat, minħabba l-fatt li dik hija l-aktar parti wiesgħa tat-triq.

23.9.8

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li qed ikollu bosta lmenti dwar ġrieden fit-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kulma jista' jsir huwa li jsir rapport lis-Sanita'. Biss jekk ir-residenti se jibqgħu joħorġu ż-żibel f'kull ħin tal-ġurnata din il-problema se tibqa' tikber.

23.9.9

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li qed ikollu bosta rapporti dwar seringi fis-subway ta' Triq Tal-Bajjada.

**23.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 2 ta' Frar 2021** fis-6.30p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta 2 ta' Frar 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |